MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 664/2007

**Construction & Demolition Waste Limited (C32351)**

**Vs**

**Penza Tarmac Limited (C22138)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu is-socjeta' attrici rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta intimata ghandha thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf tmien mija u erbgha u tletin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm12,834.66) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ghal rimi ta' skart ta' kostruzzjoni

fil-fond tas-socjeta' attrici rikorrenti, kif jidher mill-*istatement* tas-socjeta' attrici hawn anness bhala Dok 'A';

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta' konvenuta intimata baqghet inadempjenti;

3. Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici rikorrenti s-socjeta' konvenuta intimata m'ghandiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tas-socjeta' attrici jigu decizi bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta intimata thallas lis-socjeta' attrici rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' tnax-il elf tmien mija u erbgha u tletin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm12,834.66) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ghal rimi ta' skart ta' kostruzzjoni fil-fond tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi ntavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali minn wara il-31 ta' Jannar 2007 kontra s-socjeta' konvenuta intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors guramentat u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta' intimata li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' intimata t-talba kif mitluba fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ intimata tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------